MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2008

Talba Numru. 193/2005

**Fogg Insurance Agencies Limited (C 597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Cristino Azzopardi a bazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip '*comprehensive'* u tal-ligi u l-istess Cristino Azzopardi**

**vs**

**Paul Cardona u Simon Caruana**

IT -Tribunal

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-attur talab hlas ta' elf hames mija hamsa u tmenin ewro u seba' u sittin centezmi €1585.67 gja` Lm680.73 rapprezentanti danni kollha sofferti mill-attur Cristino Azzopardi assigurat tas-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited u li ghalihom ghamlu tajjeb, kwantu ghall-ammont ta' erba' mija u tmenin Lira Maltin u tlieta u sebghin centezmu (Lm480.73) is-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies

Limited, u kwantu ghall-ammont ta’ €465.83 gja` Lm200 l-istess Cristino Azzopardi in linea ta’ ‘*excess payment’,* bhala rizultat ta’ l-incident awtomobilistiku li sehh fit-12 ta’ Gunju, 2000 ghal habta tad-9.05 p.m. gewwa Triq Ferrovija il-Qadima, B’Kara bejn il-vettura proprjeta’ ta’ l-attur Cristino Azzopardi bin-numru ta’ registrazzjoni CAF 552 u l-bicikletti misjuqa mill-konvenuti liema bicikletti kienu misjuqa minghajr dawl u kontra s-sinjal tat-traffiku, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra ufficjali tad-9 ta’ Marzu, 2001 u tat-28 ta’ Frar, 2003 tal-Mandati kawtelatorji li qed jigu pprezentati kontestwalment ma` dan l-att u interessi legali mid-data tan-notifika ta’ l-imsemmija ittra ufficjali tad-9 ta’ Marzu, 2001 sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenuti li jibqghu minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta ta’ Simon Caruana fejn eccepixxa illi l-proceduri huma nulli ghaliex is-socjeta’ attrici ma nfurmatx u ma nnotifkatx lill-konvenuti permezz ta’ dokumenti appositi u relattivi u bid-drittijiet tas-surroga, li jippretendu li ghandhom, skond kif titlob il-ligi u dana ukoll – minghajr pregudizzju tal-principju legali ghaliex it-talba hija bazata ‘*in parte’* fuq surroga ta’ drittijiet in parte fuq pretensjonijiet ta’ ‘*excess payment’* liema dettalji separati kellhom jigu minn qabel notifikati gudizzjarjament lill-konvenuti.

Minghajr pregudizzju, il-konvenut m’huwiex responsabbli ghad-danni pretizi, peress li l-konvenut Jean Pierre Azzopardi injora kompletament l-avviz li jieqaf, baqa’ hiereg kontinwament fuq naha hazina u saq fuq in-naha hazina fid-direzzjoni tat-triq li ried isegwi u ghalhekk kien unikament responsabbli ghall-incident li independentament mill-konvenut kieku ma ghamilx dak li kien hazin, l-incident mhux biss setgha jigi evitat izda l-anqas sehh.

Ra illi l-konvenut Simon Caruana ipprezenta kontro-talba fejn intqal illi Simon Caruana sofra feriti pjuttost gravi kif ha jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u bix-xhieda tat-tabib mediku li ezaminah. Dawn il-feriti jirrikjedu intervent kirurgiku li ma jkunux kompletament

sodisfaccenti u permanenti biex il-feriti ma jibqalhom ebda konsegwenza jew effett.

Il-konsistenza ta’ dawn il-feriti ghandha tirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, biex it-Tribunal jiehu in konsiderazzjoni taghhom u wara jistghu jigu determinati d-danni sofferti minn Simon Caruana.

Illi b’risposta ghal kontro-talba tas-socjeta’ attrici rikonvenuta eccepiet illi fl-ewwel lok, il-kontro-talba tal-konvenut Simon Caruana hija nulla stante illi Jean Pierre Azzopardi illi l-konvenut jidher illi qed jaddebita lilu l-htija ghall-akkadut mhux parti f’dawn il-proceduri.

Illi fit-tieni lok, l-istess kontro-talba hija nulla billa ma gie indikat l-ebda ammont pretiz mill-istess konvenut rikonvenzjonanti u ghalhekk jidher illi t-talba ta` l-istess Simon Caruana tezorbita mill-kompetenza ta’ dan l-Onorabbli Tribunal.

Illi bla pregudizzju ghal premess, it-talba tal-konvenut rikonvenzjonati Simon Caruana hija preskritta *ai termini* ta` l-Artiklu 2152 tal-Kodici Civili.

Illi assolutament minghajr pregudizzju ghall-premess fil-mertu, l-incident de quo ma sarx bi htija ta’ l-atturi.

Ra r-risposta ta’ Paul Cardona fejn eccepixxa illi t-talbiet tas-socjeta’ attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-incident kien ikkawzat u sehh b’tort uniku ta’ Jean Pierre Azzopardi iben l-assigurat Cristino Azzopardi peress illi kien qed isuq b’mod negligenti u perikoluz u b’nuqqas ta’ harsien tar-regolamenti tat-traffiku kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi ghall-integrita’ tal-gudizzju, Jean Pierre Azzopardi ghandu jigi kjamat fil-kawza.

Ra d-dokumenti kollha pprezentati fl-atti tal-kawza.

Ra u sema` l-provi ta' WPS Josephine Moore, Jean Pierre Azzopardi, Alfred Farrugia, Paul Cardona, Simon Cardona u Leonard Ellul Bonnici kif ukoll ra l-affidavit.

Ra n-noti ta' osservazzjonijiet.
Ra illi b'sentenza preliminari tas-6 ta' Mejju, 2005 fil-kawza Paul Cardona vs Jean Pierre Azzopardi numru 750/05 l-atti ta' dak il-kaz intbaghtu mir-Registratur ghal quddiem dan it-Tribunal sabiex dawn iz-zewg kawzi jinstemghu konteswalment mhux biss ghall-ekonomija tal-gudizzju izda biex ikun evitat duplicita' ta' provi. Ghalhekk il-kawza odjerna kif ukoll il-kawza fl-ismijiet hawnhekk imsemmija bdew jinstemghu fl-istess seduta.

Ra illi giet pprezentata nota ta' osservazzjonijiet in segwitu ghall-ewwel eccezzjoni ssollevata mill-konvenut Simon Caruana f'din il-kawza. Ra illi kien hemm nota risponsiva u li b'sentenza ta` l-14 ta' Novembru, 2005 it-Tribunal kif diversament presjedut kien iddecieda illi l-ewwel eccezjoni tal-konvenut Simon Caruana kienet infondata u giet michuda bl-ispejjez kontra tieghu u l-kawza pprosegwiet.

Illi ghal xi zmien il-kawza kienet giet sospiza peress illi l-konvenut Simon Caruana kien ipprezenta rikors quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fl-ismijiet Simon Caruana vs Onorevoli Prim Ministru, biex jinficja t-Tribunal. Illi b'sentenza datata 31 ta' Mejju, 2006 il-Qorti laqghet l-ewwel eccezzjoni ta` l-intimat f'dik il-kawza u ddikjarat li l-Onorevoli Prim Ministru m'huwiex il-kontradittur legittimu tal-azzjoni attrici u helsitu milli jibqa' fil-kawza. Sussegwentement pprosegwew iz-zewg kawzi li kienu qieghdin jimxu flimkien u cioe' dik odjerna kif ukoll il-kawza Paul Cardona vs Jean Pierre Azzopardi.

IKKUNSIDRA

Illi dan il-kaz jitratta dwar incident awtomobilistiku li sehh fit-12 ta' Gunju, 2006 fi Triq il-Ferrovija l-Qadima, B`kara.

Mix-xhieda gie konkluz illi l-vettura CAF 552 assigurata mas-socjeta' attrici, proprjeta' ta' Cristino Azzopardi kienet misjuqa minn iben l-attur u cioe' Jean Pierre Azzopardi.

Illi huwa kien tielgha minn Triq Azzopardi li hija telgha, u li ma l-*'stop sign'* huwa kien waqaf u meta ra illi ma kienx gej traffiku, qala sabiex jaqsam u waqt li l-vettura tieghu kienet miexja kien hemm impatt bejn il-vettura misjuqa minn Jean Pierre Azzopardi u l-konvenuti li kienu gejjin minn fuq il-lemin tieghu kontra s-sinjal '*one way'* minn Triq il-Ferrovija il-Qadima, B'Kara.

Mill-provi jirrizulta illi s-sewwieq tal-vettura kien qal illi c-ciklisti kienu ghaddejjin kontra s-sinjal tat-traffiku minghajr dawl u li huwa kien waqaf ma l-*istop sign* ma rah add u kompla fi trieqtu. Il-konvenuti minn banda l-ohra kienu qablu illi huma kellhom d-dawl izda x-xhud Leonard Ellul Bonnici ma setghax jiftakar jekk kellhomx dwal jew le izda qal illi huma kienu qieghdin iharsu r-regolamenti tat-traffiku u li s-sewwieq tal-vettura kien qasam it-triq minghajr ma kien waqaf fuq l-*'stop Sign',* li kien hemm huwa u hiereg minn Triq Azzopardi, B'Kara. Il-konvenut Paul Cardona ikkonferma illi huwa kien habat ma` l-bieba leminija tal-vettura misjuqa minn Jean Pierre Azzopardi. Ix-xhud spjega illi huma kienu mixjin kontra s-sinjal tal-'*One way'* ghaliex bhala ciklisti kellhom dejjem isuqu kontra t-traffiku. Ix-xhud Ellul Bonnici qal illi huwa ma jaqbilx ma` l-iskizz li hemm prezentat fl-atti tal-kawza u ma jiftakarx jekk ir-roti kellhomx dawl jew le. Simon Caruana kien zied illi huwa kien ra l-karozza ghall-ewwel darba ma` l-impatt fejn kien intlaqat mill-quddiem tal-vettura u mar ghal fuqha.

Mill-provi migbura, t-Tribunal huwa tal-fehma illi kemm is-sewwieq tal-vettura kif ukoll ic-ciklisti ma kienux ottemporaw ruhhom mar-regolamenti tat-traffiku, izda ic-ciklisti ghandhom l-akbar tort fil-vertenza tal-kawza. Huwa pacifiku fil-gurisprudenza nostrana lli bicikletti m'ghandhomx jimxu kontra s-sinjal tat-traffiku. Ic-ciklisti, li kienu konxji mill-fatt illi kienu miexjin fi triq '*one way'* kellhom id-dover li joqghodu ferm aktar attenti mis-soltu peress illi kienu ghaddejjin kontra s-sinjal tat-traffiku u kjellhom jiehdu prekawzjoni akbar sabiex jiehdu 'a proper look out.' Is-Sewwieq, mill-banda l-ohra jidher illi baqa' hiereg mill-*istop sign* minghajr ma ra c-ciklisti gejjin kontra is-sinjali tat-traffiku.

Mill-provi konfliggenti ma jirrizultax car jekk ic-ciklisti kellhomx fil-fatt id-dawl tal-bicikletti mixghula. Illi huwa minnu illi l-kaz sar meta kien qed idallam. Illi huwa minnu illi c-ciklisti kienu miexjin minn triq '*one way'*. Minn naha l-ohra skond ix-xhieda tas-sewwieq tal-vettura CAF 552 huwa kien midhla sew tal-post. Illi ma` l-inkrocju fi kliemu stess tezisti *'blind corner'* u ghalhekk qal illi kellu joqghod iktar attent.

It-Tribunal jirrileva illi l-provi tas-sewwieq kif ukoll il-konvenuti huma konfliggenti. Jirrizulta lli x-xhieda taz-zewg konvenuti jaqblu, izda jirrizulta llu dawn kienu tkellmu bejniethom. Illi t-Tribunal, sabiex jasal ghal konkluzjoni gusta u ekwa ha jkollu jevalwa u jgahrbel il-provi migjuba quddiemu b'lenti wiesgha.

Fil-fehma tat-Tribunal u wara li ezamina l-provi migjuba quddiemu t-Tribunal huwa konvint illi s-sewwieq ta` l-vettura CAF 552 ma kienx tielgha bi '*speed*' eccessiv izda meta wasal ma` l-inkrocju huwa hares lejn minn fejn normalment johrog it-traffiku minghajr ma kien wisq attent ghal-lemin tieghu peress illi huwa, *essendo* midhla sew ta` l-akwati kien jaf illi din it-triq kienet '*one way'* u ma basarx illi kienu gejjin vetturi. Konsegwentament huwa qala' minn Triq Azzopardi ghal go Triq il-Ferrovija Qadima fejn fil-pront baqghu hiergin ic-ciklisti, li minn naha taghhom ma kienux qieghdin miexjin skond ir-regolamenti tat-traffiku, waqt li kienu nezlin minn triq kontra s-sinjal tat-traffiku, fejn kellhom ikunu iktar kawti u jsuqu kemm jista' jkun bil-mod. Ghalhekk it-Tribunal jikkonkludi lli nezlin min triq imdallma, kontra s-sinjal tat-traffiku u minghajr dwal, ghalkemm ic-ciklisti raw l-inkrocju ma hassewx il-htiega li jieqfu . Ic-ciklisti kellhom id-dover illi jieqfu f'kull inkrocju partikolarment meta t-triq li kienu niezlin minnha kienet '*one way' u kien qed jidlam sew.* Huwa pacific fil-gurisprudenza nostrana lli bicikletti ghandhom jimxu fl-istess direzzjoni tat-traffiku u mhux kontra s-injali tat-traffiku. Minn banda l-ohra s-sewwieq tal-vettura kellu d-dover illi jhares iz-zewg nahat meta jkun qieghed jaqsam u mhux ghax kien jaf li t-triq hija '*one way'*

seta’ johrog minghajr ma jara x’kien gej miz-zewg nahat tal-vettura tieghu.

Ghaldaqstant, it-Tribunal ihoss illi ghal dan l-incident iz-zewg partijiet ghandhom tort u kull parti ghandha tassumi responsabilita' taghha ghal hsarat li garrbet, izda t-Tribunal jhoss lli l-konvenuti ghandhom ibatu aktar spejjez talli b’eghhmilhom kienu l-kontributorji principali tal-incident.

Illi ghar-rigward tal-kontro-talba, t-Tribunal huwa tal-fehma illi l-kawzi kollha li jigu ntavolati quddiemu huma talbiet ghal flus, illi t-Tribunal mhuwiex kompetenti jiddeciedi talbiet ghad-danni minghajr ma tigi indikata s-somma u ghalhekk jiddikjara illi l-kontro-talba hija nulla.

It-Tribunal jiddikjara llilli r-responsabbilita’ ghall-incidentmertu tal-kawza ghandha tkun kwart ghall-attur u tlett kwarti ghall-konvenuti.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ it-talba tas-socjeta’ attrici ‘*in parte’* u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu fis-somma ridotta ta’ elf mija disgha u tmenin ewro u sitta u ghoxrin centezmi (€1189.26) gja` Lm 510.55 ‘*in solidum’* bejniethom lis-socjeta’ attrici bl-imghaxijiet mid-data tas-sentenza sa` l-pagament effettiv.

Spejjez tas-sentenza preliminari ta` l-14 ta’ Novembru, 2005 ghal Simon Caruana, kif gie dikjarat mit-Tribunal diversament presjedut.

Spejjez tal-kawza ghandhom jinqasmu nofs ghas-socjeta’ attrici u nofs ghall-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------